MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 206/1995/1

Pawlu Mizzi kemm f'ismu proprju u kif ukoll bħala mandatarju tal-imsifrin Doris Mizzi u Carmelina Mizzi ;
Frank Mizzi ;
Anthony Mizzi ;
Agatha Agius ;
Maria Assunta Grech ;
Josephine Camilleri ;
Antoinette Farrugia ;
Emma Hili ;
John Bosco Mizzi, u b'degriet tal-15 ta' Settembru, 2005 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Doreen armla ta' John Mizzi, George Frank Mizzi, Natasha mart Massimo Apap, u Anthony ilkoll aħwa Mizzi, minflok John Bosco Mizzi li miet fil-mori tal-kawża .

vs

Reverendu Joseph Bezzina .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi permezz ta' ktejjeb bl-isem *Forty More Legends from Gozo,* miktub u ppubblikat mill-konvenut, u speċifikament permezz tar-rakkont intitolat *The Robbery of the Archangel's Wings* riportata fil-paġna tlieta u għoxrin (23) ta' dan il-ktejjeb (fotokopja Dok A) il-konvenut bi ksur tal-Liġi, ta malafama lill-atturi u offenda l-memorja tal-mejjet ħuhom Gorg Mizzi, billi attribwielu imputazzjoni speċifiċi li jistgħu jwasslu għall-inġurja, nuqqas ta' reputazzjoni jew li jesponuh għar-redikolu jew għal disprezz tal-pubbliku, liema memorja ta' ħuhom l-atturi jridu jittutelaw skond il-Liġi, u dan bi ksur tal-Liġi .

Illi f'dan ir-rakkont, l-awtur jirreferi għall-att sagrilegu tas-serqa tal-ġwienaħ ta' San Mikiel li kienet saret mill-Knisja ta' San Gorg fis-sena elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) u jallega li "*the mastermind behind this theft"* kien "*the sagrilegous person"* li kien intlaqat minn ġwejnaħ (*madguard)* ta' karozza u miet bħala kastig . Senjatament fl-aħħar paragrafu ta' din l-istorja l-awtur jagħmel riferenza evidenti għall-istess Gorg Mizzi u jindikah bħala l-persuna responsabbli għas-serqa tal-ġwienaħ ta' San Mikiel fl-elf disa' mija u erbgħa u ħamsin (1954) .

Illi l-atturi huma ħut u l-eredi tal-imsemmi Gorg Mizzi u għalhekk oltre l-interess tagħhom proprju, f'dik il-kwalita' għandhom kull jedd jittutelaw ismu u ġieħu .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-artikolu stampat fil-ktejjeb fuq imsemmi bl-isem *Forty More Legends from Gozo,* u riprodott fid-dokument "A" hawn esebit jikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-atturi .

2. Tiddikjara li l-konvenut ħati ta' din il-malafama .

3. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi in linea ta’ danni f’somma li ma teċċedix l-elf lira maltija (Lm1,000) minnhom sofferti in segwitu għal dina l-malafama .

4. Tikkundanna lill-konvenut lħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat kif fuq imsemmi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 789/94 u bl-interess legali .

Il-konvenut imħarrek għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab inġunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Frank Mizzi .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi ;

1. Illi preliminarjament fi kwalunkwe każ billi l-azzjoni intentata mill-atturi hija waħda personali u mhux trasmissibbli fl-eredi din l-azzjoni hija impropenibbli .

2. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi d-diskors ċitat fil-ktieb imsemmi ma jista’ qatt jittieħed bħala li jirreferi għall-imsemmi George Mizzi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat il-verbal tagħha ta' l-14 ta' Gunju 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni .

Rat l-atti l-oħra tal-kawża .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut qed jgħid illi l-azzjoni preżenti hija improponibbli, billi din hija waħda personali u mhux trasmissibbli fl-eredi ta' persuna mejta . Il-kawża hija waħda għall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-atturi, in linea ta' danni kkaġunati minħabba allegata malafama li saret lill-memorja ta' ħuhom Gorg Mizzi, permezz ta' "leġġenda" msemmija fi ktieb ippublikat mill-konvenut .

Il-konvenut jikkontendi illi l-inġurja lejn il-memorja tal-mejjet tinsab biss kontemplata bħala reat fl-artikolu 255 tal-Kodiċi Kriminali . Il-Kodiċi Ċivili huwa għal kollox sieket f'dan ir-rigward u taħt il-Liġi ta' l-Istampa (l-Kap. 248), li tirregola l-materja ta' danni f'każ ta' malafama (art. 28) l-azzjoni, bħala waħda personali, hija kompetenti biss lil min isofri tali malafama, u mhux ukoll lil-eredi tiegħu; *actio personalis moritur cum persona* . In sostenn tat-teżi tiegħu, il-konvenut, apparti kwotazzjonijiet minn ġurisprudenza estera in materja, li bir-rispett kollu ma jidhirx illi huma wisq rilevanti ġħas-sitwazzjoni lokali, jiċċita *in estenso* minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-kawża **: "Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et vs Anna Maria Xuereb**"[1] . F'dik il-kawża l-atturi, bħala dixxendenti ta' l-Isqof Francesco Saverio Caruana, l-Konti Luigi Maria Gatto u ibnu l-avukat Dottor Nicola, u bħala l-persuni offiżi, kienu talbu l-ħlas tad-"*danni għall-inġurja morali*" li saret lilhom bil-publikazzjoni mill-Imħallef Giovanni Bonello ta' kitba dwar l-Isqof imsemmi . Bħal ma ġara fil-każ preżenti, l-konvenuta nomine kienet eċċepiet *inter alia* illi "*La l-liġi, la l-ġurisprudenza w anqas id-dottrina ma jagħtu dritt lil xi dixxendent prossimu jew remot, li jaġixxi għar-risarċiment ta' inġurja li allegatament saret lil antenat tiegħu (fil-każ odjern l-antenat in linea diretta tal-atturi twieled fl-1759) . Anzi d-dottrina Ngliża, li dejjem iggwidat il-Qrati tagħna f'materja ta' libell, teskludi dan id-dritt ta' azzjoni*."

Il-Qorti ta' l-Appell, li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Istanza, billi ma kienx hemm dubbju illi dik il-kawża

[1] Deċiza fil-5 ta' Novembru 2003 per Imhallef Anton Depasquale .

kienet saret taħt il-provvedimenti tal-Liġi ta' l-Istampa, ddeċidiet illi :

"… *huwa ċar daqs il-kristall illi għal dak illi jiddisponi l-imsemmi artikolu 28 tal-kap. 248 m'humiex applikabbli l-provvedimenti ta' l-artiklu 255 u 256 tal-Kodiċi Kriminali . Infatti, l-partijiet ta' l-artikolu 256 tal-Kodiċi Kriminali li huma rilevanti għall-finijiet ta' l-aggravju in eżami, jittrattaw proċeduri kriminai illi għar-rigward ta' inġurja ssir bil-mezz ta' l-istampa illi, ai termini tal-Kap. 248, jistgħu jinqdew 'biss bi kwerela tal-parti offiża. ' .. Ta' min jinnota illi l-artikolu 28 tal-kap. 248 - illi tajjeb illi jiġi ribadit illi fuqu hija msejsa l-azzjoni odjerna ta' l-atturi - ma jissemmiex fiċ-ċitat artikolu 31 ta' l-imsemmi Kap. 248 … Dina l-Qorti trid tagħmilha ċara illi fil-fehma tagħha l-azzjoni għar-risarċiment tad-danni morali kontemplata mill-artikolu 28 tal-Kap. 248, tispetta biss lill-persuna offiża u ma tispettax lid-dixxendenti tagħha."*

Imma fil-fehma ta' din il-Qorti l-kawża preżenti mhix waħda msejsa fuq l-artikolu 28 tal-Liġi ta' l-Istampa għax, bħal ma ntqal f'sentenza oħra mportanti in materia, "**Perit Joseph Boffa vs John A. Mizzi**"[2] perfettament applikabbli għall-każ in eżami u li jimmerita li jiġi ċċitat ukoll *in estenso* :

"*Kellu infatti jkun ċar mit-termini taċ-ċitazzjoni illi l-attur ma kienx qiegħed jaġixxi għal riżarċiment ta' danni għal malafama taħt il-liġi tal-Istampa - il-Kapitolu 248 . L-attur imkien fiċ-ċitazzjoni ma jippremetti illi l-konvenut bħala awtur, editur jew stampatur ta' ġurnal immalafamah b'attribuzzjoni ta' fatti determinanti li joffendu l-unur u l-fama tiegħu u jesponuh għar-redikolu u ġħad-disprezz tal-pubbliku . Imkien fil-premessi tiegħu l-attur ma jiddikjara illi bħala l-parti offiża minn reat taħt dik il-liġi hu kellu d-dritt għar-riżarċiment ta' danni kontemplati f'dak l-Att . Imkien fit-talba tiegħu ma jinvoka l-protezzjoni jew l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta' dak l-Att jew jitlob li jiġu lilu u favur tiegħu likwidati d-danni "morali" hemm stipulati*

[2] sentenza in parte tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri (per . J. Said Pullicino, Carmel Agius,, Joseph Camilleri) tas-7 ta' Ottubru 1997 .

*u li jiġu hekk kwantifikati fil-parametri stabiliti b'dik il-liġi . U una volta li l-attur ma kienx qed jaddebita lill-konvenut vjolazzjoni kriminuża taħt dik l-ordinanza ma jidhirx li hu leċitu għal din il-Qorti li motu proprju estendi l-limiti ta' l-azzjoni proposta mill-attur għall-applikabilita' tal-Kap. 248 għall-fatti taħt eżami . Din ma jidhirx li hi l-azzjoni tentata mill-attur u kull konsiderazzjoni tagħha fid-dawl tal-Liġi ta' l-Istampa u tar-rejati fiha kontemplati jidher allura li tkun għal kollox barra minn lokha u ultra petita* … Hu invece ċar mill-premessi tal-attur fl-att taċ-ċitazzjoni u mid-diċitura minnu użata illi l-attur qed jipproċedi għar-riżarċiment ta' anni għal-malafama konsegwenzjali għal reat statutorjament rikonoxxut mill-Kodiċi Kriminali Kap. 12 (l-art. 252) … Dan ir-rejat kontemplat fis-subartikolu X (Fuq l-Ingurji u Kxif ta' Sigrieti) tat-Titolu Vi tat-Tieni Taqsima (Fuq id-Delitti u l-Pieni) tal-Kodiċi Kriminali, għandu eżistenza għal kollox indipendenti mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi ta' l-Istampa u għandu allura bħal kull rejat ieħor konsegwenzi kemm Kriminali kif ukoll ċivili . … Hu ovvju mid-diċitura ta' l-att taċ-ċitazzjoni illi l-attur qed jipproċedi bil-vires li jagħtih dan il-proviso (għal-artikolu 255 tal-kap. 9) li jiddefendi l-unur u l-fama ta' missieru billi jipproċedi kriminalment biex jassigura li l-offiża tiġi punita" .

Imbagħad, wara li fl-istess sentenza[3] l-Qorti ta' l-Appell tagħmel referenza għall-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li kull reat ("*anke jekk hu rejat kontemplat bl-artikolu 252 ta' dak il-kodiċi*") inissel azzjoni Kriminali u azzjoni ċivili", tkompli tispjega illi :

"*Hu indubbju illi l-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali jitmexxew indipendentement minn xulxin (art. 6 tal-kap. 12), pero' dan ma jfissirx li biex tiġi proposta azzjoni ċivili jrid neċessarjament jirriżulta provediment speċifiku tal-Kodiċi ċivili li jkopri t-talba attriċi fir-rigward tad-danni reklamati kif qed jippretendi l-appellant . Difatti l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Civili li jipprovdi li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tagħha u l-provvedimenti kollha dwar id-delitti u kważi delitti għandhom jitqiesu li kienu komplementari għall-provvediment ġenerali fl-artikolu 3*

---

[3] Boffa vs Mizzi .

*tal-Kodiċi Kriminali illi kull reat jagħti lok għall-azzjoni ċivili u għandu jitqies li jestendi l-azzjoni ċivili għar-riżarċiment tad-danni fir-rigward ta' kull reat kontemplat fil-Kodiċi Kriminali inkluż dak allura li jittutela l-unur ta' persuna defunta*."

Dwar id-dritt tad-dixxendenti jew eredi tal-persuna mejta li wkoll jintavolaw kawża għad-danni għal malafama magħmula lill-mejjet, l-istess Qorti tkompli tfisser illi :
"*Għall-preċiżjoni infatti wieħed ma għandux jitkellem dwar il-proviso bħala eċċezzjoni għall-prinċipju li l-azzjoni personali tmut mal-mewt tal-persuna li għaliha ikun intitolat, imma għandu iqis li l-liġi tikkonsidra in effetti rejat ieħor u ċioe' d-'defamazzjoni tat-tifkira' ta' persuna mejta u dan ir-rejat ivvjola d-drittijiet tal-qraba jew eredi tiegħu u mhux tal-mejjet għax il-mejjet la jista' jkollu u lanqas jista' jgawdi jeddijiet kif lanqas jista' jiġi mċaħħad mit-tgawdija tagħhom . Una volta l-Kodiċi Kriminali jirrikonoxxi l-jedd ta' dawn il-persuni, li ma humiex il-mejjet li l-unur tiegħu ikun ġie diffamat, li joriġinaw jew ikomplu wara mewtu, l-azzjoni kriminali kontra d-difamatur, ma hemmx raġuni għaliex din l-azzjoni kriminali ma għandux ikollha l-korrispondent azzjoni ċivili . Dan għaliex dan jivvjolalhom il-jedd tagħhom li jkomplu jgawdu u jużufruwixxu l-benefiċċju li jistgħu jkunu ħafna u multiformi, kif ħafna u multiformi jistgħu jkunu l-konsegwenzi, anki patrimonjali/ soċjali, ta' min ikun ħalla fama ħażina fuq min ħalla warajh .*

*Jekk bħala konsegwenza ta' dan id-delitt partikolari rikonoxxut mill-Kodiċi Kriminali, il-qraba u l-werrieta tal-persuna difamata jippretendu li jkunu sofrew danni konsegwibbli ċivilment ma għandux ikun hemm raġuni għaliex ma għandhomx japplikaw għal din is-sitwazzjoni l-prinċipju bażilari tad-dritt li kull persuna għandha tkun tenuta responsabbli għad-danni li l-aġir tagħha ikun ikkaġuna u li kull rejat inissel ukoll azzjoni ċivili . Dan mhux fil-konfront tal-mejjet imma fil-konfront ta' dawk il-persuni li l-artikolu 255 tal-Kodiċi Kriminali espressament jiddentifika u jipproteġi*."

Fl-aħħarnett, u din ukoll hija rilevanti għall-każ in eżami, billi l-konvenut fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, jikkwota minn ġurisprudenza u dottrina estera dwar il-libell, "*Hi allura għal kollox irrilevanti r-riferenza kopjuża għal-liġi u l-awturi inglizi għaliex ma jirriżultax li hemm f'dak id-dritt provediment speċifiku simili għall-artikolu 255 tal-Kodiċi Kriminali nostran hawn konsidrat li minnu jemerġu l-kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti* …" [4]
Għaldaqstant u peress illi jirriżulta illi din il-kawża hija waħda magħmula taħt il-provvediment tal-liġi li jipprovdi illi kull reat jagħti wkoll dritt għall-azzjoni ċivili għad-danni, u mhux speċifikament taħt il-Liġi ta' l-Istampa, ir-restrizzjonijiet kontemplati f'dik il-liġi li ma jippermettux lill-eredi ta' persuna mejta li tfittex għad-danni morali f'każ ta' malafama lill-mejjet, ma humiex applikabbli wkoll għal kawża bħal dik preżenti .

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-mertu .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] ibid.